Ir-Raħal tal-Gudja

# Il-Knisja Parrokkjali

## Storja, Arti, Arkitettura u l-knejjes iż-żgħar

**Tagħrif fil-qosor miġbur minn John Sarè**



### Ir-Raħal

Kemm hu antik ir-raħal tal-Gudja tixhdu l-knisja parrokkjali ta' Bir Miftuħ. Fir-rollo tal-1436 li kien għamel l-Isqof Senatore de Mello, insibu li hu kien iddikjara li l-knisja tal-Gudja, Santa Marija ta' Bir Miftuħ, hi parroċċa.

L-istil rurali ta' ħafna mill-bini ta' dan ir-raħal għadu jżomm l-istil tradizzjonali tiegħu. Il-Gudja hi mill-ewwel ewlenin tal-irħula Maltin. Għad hemm għadd ta' djar qodma li kollha għadhom storja partikulari tagħhom. Bħal fil-kas taż-Żurrieq, tkun telfa kbira għall-wirt arkitettoniku Malti jekk dawn iż-żewġt irħula jitilfu xi waħda mid-djar qodma tagħhom.

Mal-Gudja nsibu Ħal Farruġ, raħal ċkejken ħafna, li meta l-Gudja kienet fl-aqwa tagħha ma kellux aktar minn għaxart idjar, li wisq probabli kienu kollha rziezet. Kien raħal imfittex ħafna fiż-żminijiet l-imgħoddija. Irħula oħra li jagħmlu mal-Gudja huma Ħal Qadi u Ħas Saptan.

Fiż-żmien l-Isqof Senatore de Mello, dan ir-raħal kellu ġurisdizzjoni fuq ħamest irħula oħra. Illum dawn il-ħamsa huma kollha parroċċi. Dawn huma Ħal Tarxien, Ħal Kirkop, Ħal Safi, l-Imqabba u Ħal Luqa. Meta fl-1592, erba' minn dawn il-ħamsa nqatgħu għalihom, insibu li l-Gudja baqgħet bi 80 dar biss. Il-popolazzjoni kienet taħt il-mitejn ruħ. Fl-1667, n-numru ta' djar tela' għal 87 u 357 ruħ. Fl-1760 insibu 142 dar bil-popolazzjoni issir 587. Maż-żmien ir-raħal beda jikber, żdiedu d-djar u l-popolazzjoni.

Il-kelma Gudja hi Għarbija li tfisser *għolja* jew *sit magħruf*. Iż-żewġ tifsiriet jaqblu mal-Gudja għax ir-raħal hu fil-għoli u fiż-żmien kellu l-ħakma ta' ħamest irħula oħra.

Li San Pawl mar il-Gudja hija ħrafa.

### Il-Parroċċa

Il-Gudja hi waħda mill-eqdem parroċċi ta' Malta. Fl-1575, Mons Pietru Dusina, għamel vista pastorali u sab li din il-parroċċa kienet diġà matriċi u kellha magħha 47 knisja filjali. kienu mqassma hekk: 5 f'Bir Miftuħ; 9 fil-Gudja; 5 f'Ħal Tarxien; 3 f'Ħal Kirkop; 2 fl-Imqabba; 4 f'Ħal Safi; 2 f'Ħal Farruġ u 11 imxerrda mal-limiti ta' dawn l-inħawi. Fl-1656, fl-Episcopat ta' Mons Mikiel Belaguer Camarasa, u Delegat Appostoliku Mons Giulio Degli Oddi, il-kappillan Dun Ġwann Gatt ra t-tqegħid tal-pedamenti tal-knisja li naraw illum. Damet tinbena 10 snin fuq pjanta ta' Tumas Dingli. Anġlu Dalli, capomastru, ħa ħsieb il-bini tal-knisja. Il-knisja mibnija fuq stil ta' salib latin. Il-knisja għandha 10 artali, korsija, żewġ kappelluni u kor.

Ġiet ikkonsagrata fil-11 ta' Diċembru 1785 mill-Isqof Vincenzo Labini fil-presenza tad-Delegat Appostoliku Mons GianFilippo Gallarati-Scotti. Il-parrinijiet tal-knisja kienu Monsinjur Gaspare Garsin u Monsinjur Vincenzo Alfano, it-tnejn mill-Katidral tal-Imdina.

Fl-1901, il-faċċata tal-knisja tbiddlet. Il-pjanta għamilha Karlu Farrugia, wild ir-raħal. Hi waħda mill-isbaħ faċċati fost il-knejjes Maltin. Karlu ddisinja żewġ kampnari u għalhekk il-knisja tal-Gudja hi l-unika waħda li għandha tliet kampnari. Barra mill-faċċata saru xi tibdiliet fil-bini tal-knisja. L-aktar tibdil importanti sar fl-1858, meta nġinier Ingliż, William Baker iddisinja kampnar, li għalkemm ma kienx jaqbel mal-arkitettura tal-knisja, lin-nies tal-Gudja għoġobhom u bnewh. In-nies tal-Gudja riedu wkoll li l-kampnar ikun komplut minn kollox Wara li tpoġġew xi qniepen fih, waħħlulu kalamita biex il-knisja tkun imħarsa mis-sajjetti. Kienet l-ewwel knisja li nstallat kalamita fuq il-knisja. Wara l-knejjes kollha mxew fuq l-eżempju tal-Gudja. Dan il-kampnar għandu arloġġ maħdum minn Mikielanġ Sapiano, u hu biss għandu minutiera waħda. Hi ħasra li l-kampnar ma jaqbel xejn mal-istil tal-arkittetura tal-knisja.

### Il-Koppla

Il-koppla hi wkoll disinn ta' Tumas Dingli. Għandha tmin faċċati – ottagonali. Interessanti

huma t-twieqi li huma żgħar u mdaħħla fil-ħofra, li tifforma panew fuq kull naħa tal-koppla. Din tistrieħ fuq 4 pilastri li għandhom 4 arkati kbar. It-tambur tal-koppla għandu 8 twieqi ovali. Bejn dawn it-twieqi hemm tmien pilastri oħra li fuq dawn il-pilastri jistrieħu t-tmien flieli tal-koppla u li fuq dawn il-flieli tistrieħ il-lanterna tal-koppla. Il-koppla hi mżejna b'ħafna xogħol ta' skultura u induratura.

L-erba' lunetti ta' taħt il-koppla hemm pittura ta' l-erba' evanġelisti mpittra minn Ramiro Cali fl-1934. Ma rridx inħalli barra li kemm il-koppla, il-lunetti u s-saqaf huma indurati fuq l-injam minn Benjamin Tonna, skultur tas-seklu 19 u 20. Dan ix-xogħol spiċċah fil-bidu tas-seklu l-ieħor.

## L-Artali

L-artal maġġur hu ta' l-irħam u miegħu hemm it-tabernaklu li hu biċċa waħda minnu. Fuq wara hemm il-firma ta' l-aħwa Darmanin Fil-festa jiġi armat bi tnax il-gandlier u salib, li huma skulturati fl-injam. Is-sett ta' l-istatwetti, li jirrappreżentaw lill-appostli, jitpoġġa bejn il-gandlieri u huma tal-kartapesta miksijin b'qoxra tal-fidda. Dan is-sett kien maħdum minn Karlu Darmanin. Terħa rrakmata bid-deheb titpoġġa fuq l-artal matul il-jiem tal-festa. Fuq il-gradenza tal-ġenb titqiegħed sfera tal-fidda mżejna b'lavur tad-deheb. Din hi xogħol sabiħ ta' l-1700. Fuq l-artal maġġur, fil-festi ta' l-Ewkaristija, titpoġġa Ġirandola ta' l-injam, xogħol artistikament sabiħ. Hi ndurata bid-deheb u għandha aktar minn mitejn sena.

Fuq l-artal tal-kor hemm il-kwadru titulari ta' Marija Assunta. Dan hu xogħol tal-pittur Pietro Gagliardi li kien inħadem f'Ruma fl-1880. Din il-pittura mhi xejn tradizzjonali, għax il-Madonna għandha idejha magħluqin, bil-pali tal-idejn fuq xulxin. Fuq in-naħa t'isfel tal-kwadru hemm l-appostli, mistagħġba meta raw il-qabar vojt. Dan il-kwadru tpitter fiż-żmien meta l-Maltin tefgħu għajnejhom fuq pitturi barranin ta' ħila kbira, bħalma kien Gagliardi. Il-prospettiva għandha skultura li żżejjinha. L-għajnejn jintilfu fuq ix-xogħol li hemm. Hi ħasra li ħadd ma jitkellem fuq l-awtur ta' din l-iskultura. Fl-arzella tal-kor hemm raġġiera li f'nofsha hemm l-Ispirtu s-Santu.

Taħt ir-raġġiera hemm monogramma tal-Madonna, artistikament maħduma. Fuq kull naħa tal-kwadru titulari hemm tnejn oħra żgħar li juru lil Sant'Anna u l-ieħor iż-żwieġ mistiku ta' Santa Katarina.

Għalkemm mhumiex iffirmati tidher l-influwenza qawwija ta' Francesco Zahra. It-tieni patrun tal-Gudja hu San Sinforjanu. Xi għadam tiegħu jinsab f'qafas tal-kartapesta u hu mgeżwer fil-ħwejjeġ. Sa ftit snin ilu, il-Ħadd fuq Santa Marija kienet issir il-festa tiegħu u l-fdalijiet tiegħu kienu joħorġu f'purċissjoni. Fil-kor hemm żewġ galleriji tal-injam u f'waħda minnhom hemm orgni Sqalli tas-seklu 18. Dan hu wieħed mill-ftit li baqa' f'Malta.

Fuq il-lemin tal-maġġur hemm il-kappellun tat-Trinita u tal-Agunija. Dan hu magħruf ukoll bħala l-artal tal-Kurċifiss li għandhom xogħol sabiħ u rfinut fil-ġebla Maltija. Dawn il-prospettivi huma xogħol tas-seklu 17. Il-kwadru titulari juri l-Agunija ta' Kristu ta' artist mhux magħruf. L-artal l-ieħor, tat-Trinità, hu attribwit lil Ġan Nikol Buhagiar. Dan il-kwadru tat-Trinità hu xogħol differenti milli aħna mdorrijin bih. Din it-Trinità għandek lill-Missier Etern u l-Ispirtu s-Santu tradizzjonali, imma t-tieni persuna, ta' Kristu, hu xogħol li juri l-passjoni tal-passat. Fil-kwadru jidhru wkoll San Ġwann l-Evanġelista, San Franġisk de Paola u San Girgor. Dan hu wieħed mill-isbaħ li għandha din il-knisja.

Fuq ix-xellug tal-maġġur hemm il-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju u tal-Madonna taċ-Ċintura. L-artal tal-Madonna tar-Rużarju għandu prospettiva xejn anqas sabiħa minn dik tal-Kurċifiss. Hi prospettiva sabiħa, skultura mill-aqwa u pittura ta' livell għoli fil-kwadru titulari. Mad-dawra tal-kwadru nsibu l-ħmistax il-posta tar-Rużarju. L-artist mhux magħruf. Il-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura hu attribwit lill-iskola ta' Francesco Zahra.

L-artali tal-korsija huma l-artal ta' San Ġużepp. Il-kwadru titulari għandu skultura sabiħa ferm madwaru. Fuq kull naħa għandu żewġ basso rilievi u dekorazzjoni fuq il-kwadru. It-titular juri l-mewt ta' San Ġużepp ta' Domenico Bruschi.

L-artal tal-Madonna tal-Karmnu hu mżejjen bi skultura wkoll mill-isbaħ. B'xorti tajba dawn ġew salvati għax xi wħud minnhom kienu nqalgħu meta kien hemm il-ħsieb li jinbnew in-navi. It-titular hu mpitter minn Pietro Gagliardi. L-artist daħħal fil-kwadru lill-Arkanġli San Mikiel u San Gabriel. Kien impinġi fl-1879.

L-artal tal-Madonna Immakulata għandu l-kwadru titulari mdawwar bi skultura qisha bizzilla. Il-kwadru ġie mpitter minn Rokku Buhagiar. Fih hemm ukoll San Pawl, Santu Rokku u San Bastjan.

L-artal tal-Epifanija juri l-Maġi jqimu lit-Tarbija. Id-dawra tal-kwadru għandha skultura aktar elaborata mill-oħrajn. Il-pittura hi ta' Stefano Erardi.

## L-Istatwi

L-Istatwa Titulari ta' Marija Assunta nħadmet fl-1807 mill-iskultur Vincenzo Dimech. Hi statwa ta' l-injam. Ħallas għal din il-vara s-saċerdot Dun Tumas Zammit, mill-Gudja. Din kienet l-ewwel vara skolpita fl-injam f'Malta. Il-pedistall inħadem fl-1932 u ġie indurat fl-1933. Il-bradella u l-bankun huma xogħol Manwel Buhagiar minn Ħal Tarxien, li ħadimhom mill-istess injam tal-vara. Il-pedistall inħadem fil-forma tradizzjonali. Għandu erba' faċċati u f'kull faċċata hemm erba' statwetti li kienu nħadmu minn

Wistin Camilleri Cauchi, statwarju Għawdxi. Fl-1948, Antonio Sciortino kien għamlilha xi tibdiliet, u reġgħet ġiet indurata mill-ġdid għand id-ditta Coleiro tal-Belt. Fl-1987 ġiet irrestawrata mid-ditta Coleiro, imma Pawlu Camilleri Cauchi ħa ħsieb ir-restawr tal-karnaġġon tal-Madonna u ta' l-Anġli.

L-istatwa tal-fratellanza taċ-Ċintura nħadmet f'Marsilja. Hi figura tal-Madonna biċ-ċintura f'idejha l-leminija u f'tax-xellug qed iżżomm il-Bambin. Hi statwa tas-seklu 19.

L-istatwa tal-fratellanza tar-Rużarju nħadmet minn Anġlu Dalli, l-istess wieħed li ħadem il-faċċata tal-knisja. Il-vara kienet lesta fl-1922. Insibu lill-Madonna bil-kuruna tar-rużarju f'idejha. Il-Bambin, għalkemm jidher miżmum mill-Madonna , fil-fatt qiegħed fuq sħaba. Il-pedistal kien inħadem minn Emanuel Buhaġiar.

Il-bust ta' l'Ecce Homo jinsab f'wieħed mill-pilastri maġġuri tal-korsija. Ħadmu Vincenzo Dimech mill-injam li kien baqa' mill-istatwa titulari.

## Kurżità

Fis-sagristija hemm l-emblemi tal-knejjes li fil-passat kienu taħt l-umbrella tal-parroċċa tal-Gudja.

Fuq il-bieb għad-daħla tas-sagristija hemm skolpita fil-ġebla l-Mitra ta' Bartolomeo Mangion u hemm d-data 1586. Dun Bartilmew kien il-kappillan ta' Bir Miftuħ bejn l-1575 u l-1592. L-Isqof Tumas Gargall kien ħabib kbir ta' Dun Bert. Fil-Viżta Pastorali kien qal li l-kappillan kien saċerdot għaref u għaqli. Meta Tumas Gargallo kien ikun msiefer, Dun Bert Mangion kien jagħmilha ta' Isqof minfloku.

Il-knisja għandha l-Friskatur tal-Magħmudija li hu tal-kina. Fih hemm impitter Kristu jitgħammed minn Ġwanni l-Battista. Dan kien jintuża fil-magħmudijiet li kienu jsiru f'Bir Miftuħ.

Jinsab fil-knisja Konfessjonarju li jingħalaq biċ-ċelu. Kien inħadem fl-1850.

Orgni li nbena minn Domenico Antonio Rossi ta' Napli. Id-data tiegħu hi tal-1850. Hu tal-injam u jinsab fil-kor. Hu stil Barokk u hu mpitter. Għandu 19-il pipa u 47 tastieri li huma tal-ġewż. Hu fi stat ħażin ħafna. Xejn ma jaħdem minnu.

Il-ventartali li għandha l-knisja huma xogħol sabiħ fl-injam. L-iskultura hi indurata. Tnejn minn dawn jintramaw fl-artal taċ-Ċintura u fl-artal tal-Madonna tar-Rużarju. Fl-artal tal-kor, nhar il-festa jintrama ventartal qadim ħafna. Hu ffjurit u mimli kuluri.

Il-Via Sagra kienet impittra minn Antonio Falzon, iben il-Gudja. Falzon kien student ta' Giuseppe Hyzler u pinġiha bejn l-1856 u l-1860.

It-tużell li jintrama fil-festa kien inħadem Malta minn ċertu Wisu Formosa. Kien sar fl-1888.

## Il-Knisja ż-Żgħira tal-Madonna ta' Loreto

Knisja ħelwa ħafna li għal ftit ma nqerditx meta kien qed jitfassal l-ajruport il-ġdid mibni fil-Gudja. Din il-knisja taqa' taħt żewġ kategoriji: dik ta' Żmien l-Ordni ta' San Ġwann u ż-żmien l-ieħor ta' wara l-pesta tal-1676.

L-ewwel darba li nbniet din il-knisja kien fl-1548 mill-Kavallier, il-Prijur ta' Alvegna, Fra Imberto de Morines. Bnieha biex tibqa' mfakkra t-taqtigħa li hu kellu mat-Torok ftit 'il bogħod mill-knisja. Il-ġlieda ntrebħet mill-kavallieri taħt il-kmand ta' Fra Imberto li b'ringrazzjament lill-Madonna bena din il-knisja. Jingħad li qabel ma' twittiet l-art għar-runway, il-ħaddiema sabu borġ ġebel li taħtu kienu midfuna t-Torok kollha li mietu fil-taqbida.

Fl-1675, Malta ntlaqtet mill-pesta bubonika, li damet kważi sena sħiħa. Din ma kinetx pesta Maltija imma kienet Ewropea, għax l-Ewropa kollha kienet intlaqtet minn din il-marda. Kienu mietu 50,000 ruħ li 8569 kienu Maltin. Sparixxiet għal kollox f'Settembru tal-1676.

Kien f'dan iż-żmien li l-Isqof Laurentius Astiria u l-Inkwiżitur Ranuccio Pallavicino ħarġu l-permess lill-kappillan, Dun Vicenz Grixti, biex ikabbar din il-knisja. Fis-sagristija ta' din il-knisja hemm pittura fuq l-injam li turi lill-Madonna bil-Bambin f'idejha. Il-Kavallier Imberto Morines jidher għarkubbtejh. L-artist ta' din il-pittura mhux magħruf.

Persunaġġi oħra fil-pittura huma San Ġwann il-Battista u hemm figura ta' mara.

Wara li nbniet, il-kavallieri qajmu devozzjoni kbira lejn din il-knisja. Kienu organizzati pellegrinaġġi kull nhar ta' Sibt. Kienet ġiet restawrata fl-1820. Il-Papa Girgor XVI kien ta' ħafna indulġenzi lil din il-knisja.

Bejn l-1939 u l-1945, l-Army Maltija okkupat din il-knisja u l-Isqof Dom Mauro Caruana kien iddekonsagra din il-knisja. Wara l-gwerra, l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien reġa' kkonsagra din il-knisja.

Il-knisja għandha lavabo antik taċ-ċeramika li jinsab fis-sagristija u li fl-imgħoddi kien jintuża mis-saċerdot wara l-quddiesa.

Kwadru ex-voto li jinsab f'din il-knisja juri li din il-knisja kienet imfittxija mill-baħħara.

Fil-knisja hemm statwa tal-alabastru tal-Madonna bil-Bambin, magħrufa bħala l-Madonna Ta' Trapani. L-istatwa hi xogħol Sqalli tal-bidu tal-1500. Din il-Madonna kien għamlet żmien mitlufa. Wara snin ta' tfittxija kienet instabet ġewwa bir, fil-bidu bikri ta' l-1900.

L-istatwa ta' San Ġużepp hi tal-kartapesta u hu xogħol sabiħ ħafna.

## Il-Knisja tal-Lunzjata

Din il-knisja nbniet fl-1754 flok oħra li kien hemm qabilha u li kienet antika ħafna.

Il-kwadru titulari juri t-tħabbira tal-Anġlu lil Marija. Il-pittura hi tat-Taljan Pietro Gagliardi.

Fil-knisja tinsab statwa tal-Madonna tar-Ružarju. Hi statwa tal-injam u ġiet skolpita minn Antonio Chircop fl-1851. Fil-bidu tagħha, din l-istatwa kienet fil-knisja parrokkjali. Illum qeda fil-knisja tal-Lunzjata.

## Il-Knisja ta' Santa Katarina

Din il-knisja tinsab fil-bidu tar-raħal. Meta Mons Pietru Dusina għamel viżta lil Gudja, kien sab li din il-knisja kienet diġà mwaqqfa. Fir-rapport tiegħu, l-Viżitatur Appostoliku jgħid li sabha fqira ħafna, li kellha artal wieħed u li l-bieb tal-knisja kien tal-injam.

Il-kwadru titulari juri lil Santa Katarina, bil-palma tal-martri, bir-rota u bix-xabla f'idejha l-leminija. Hi pittura tal-aħħar tas-seklu 17. Tinsab fi stat ħażin ħafna.

Minn dak li fadal minn dan il-kwadru, in-naħa t'isfel fuq ix-xellug hemm persuna li x'aktarx hu d-donatur tal-kwadru.

Fuq in-naħa l-oħra baqa' fdalijiet ta' arma ta' isqof. Tista' tkun tal-Isqof Cagliares.

## Niċeċ u Statwi

Fit-toroq u l-pjazez tal-Gudja wieħed isib tlieta u għoxrin statwa u niċċa. Dawn huma mqassmin hekk: ta' Kristu bħala Sultan hemm waħda biss u tinsab fi Triq il-Kbira; tal-Madonna taħt ħafna titli hemm disa' niċeċ f'diversi toroq tar-raħal. L-aktar waħda popolari u allura wieħed għandu għax jaħseb li kien hemm qima kbira lejn il-Madonna kienet dik ta' Marija Assunta. Taħt dan it-titlu hemm ħamsa li tnejn minn dawn il-ħamsa jinsabu waħda fi triq il-Kbira u l-oħra fil-Pjazza. B'danakollu l-aktar devozzjoni qadima fil-Gudja hi dik tal-Madonna bit-titlu taċ-Ċintura. Tmur lura sas-sena 1727.

In-niċċa tal-Madonna ta' Loreto nbniet fi żmien l-Isqof Bartolomeo Rull. In-niċċa tal-Madonna tad-Dawl hi marbuta mal-Isqof Alpheran de Busan. In-niċċa ta' San Ġużepp kienet imbierka u mogħtija indulġenzi mill-Arċisqof Pietro Pace

In-naġġara li ħadmu dawn in-niċeċ huma Mastru Franku Faure; mastru Xandru Farrugia; l-oħrajn ġew maħduma minn skalpellini tajba ħafna, għax għalkemm għadda ż-żmien minn fuqhom ħafna mid-dettal għadu hemm.

**Riferenzi**

Agius Muscat/Buono Luciano: Old Organs in Malta and Gozo, Media Centre, 1998
Bezzina Joseph: L-Istorja tal-Knisja f'Malta, PIN, 2002
Bonnici Alexander/Grech Joseph: Il-Kwadri Titulari tal-Parroċċi ta' Malta u Għawdex, PEG , 2000
Grech Joseph: Vari ta' Malta u Għawdex, PRG, 1998
Guillaumier Alfie: Bliet u Rħula Maltin, Valletta Publishing, 1987
Kilin: A Maltese Mosaic, Gutenberg Press, 1990
Lanfranco Guido: L-Istatwi Titulari u l-Istatwarji Tagħhom. Klabb Kotba Maltin, 1999
Pellegrini Petit George: Models of Wayside Chapels of the Maltese Islands, Wignacourt College Museum Publication, 2000
Schiavone Michael: Il-knejjes Parrokkjali u l-Festi Tagħhom, PIN, 1993
Terribile Tony: Teżori fil-Knejjes, PIN, 2003

L-Għaqda Mużikali Marija Assunta tawgura l-festa t-tajba lill-Gudjani kollha